# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Dicembru, 2018

**Rikors Numru : 364/2018 JPG**

**Kawza Numru : 29**

**GZ**

**Vs**

**FE**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' GZ detentur tal-Karta tal-Identita X ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, datat 13 ta' Awwissu 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnejn (2002) fil-Knisja Parrokjali ta' Sant' Andrija, Hal Luqa.*

2. *Illi dan iz-zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku permezz tal-Att taz-Zwieg bin-numru progressiv tar-Registru 991/2002. Kopja tac-certifikat u mmarkat Dok.A;*

3. *Illi minn dan iz-zwieg twieldet minuri MZ nhar it-tmienja u ghoxrin (28) t'April, tas-sena elfejn u hamsa (2005). Kopja tac-certifikat anness u mmarkat Dok.B;*

4. *Illi dan iz-zwieg tkisser irremedjabbilemnt u l-partijiet kienu gew debitament awtorizzati permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti ta' nhar is-sittax (16) t'April, tas-sena elfejn u tmienja (2008) sabiex jipprocedu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali;*

5. *Illi ghalhekk is-separazzjoni personali bejn il-partijiet hija regolata permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali in atti tan-Nutar Dorianne Arapa Farrugia datat tmienja (25) ta' April tas-sena elfejn u tmienja (2008), kopja legali hawn annessa u mmarkata Dok C;*

6. *Illi l-esponenti ilhom separati legalment ghal aktar minn erba' (4) snin;*

7. *Illi ma hemmx possibilta' li l-partijiet jergghu jirrikonciljaw;*

8. *Illi ma hemmx manteniment li huwa pendenti.*

9. *Illi ghalhekk r-rekwiziti tal-Artikolu 66b huma kollha rispettati, kif tirrikjedi l-ligi.*

***Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:***

a) *Tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet ta' nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnejn (2002) fil-knisja Parrokjali ta' Sant' Andrija, Hal Luqa jigi mahlul u dikjarat bhala xolt;*

b) *Tordna li d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-hall taz-zwieg jigi debitament registrat skond il-ligi; u*

c) *Taghti kull provvidiment ulterjuri li din il-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**FE** xehdet a fol 14 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fit-22 ta' Gunju 2002 u minn dan iz-zwieg twieldet tifla wahda fit-28 t'April 2005. Xehdet illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 25 t'April 2008 u ilhom jghixu separatament minn dak iz-zmien. Xehdet illi bejn il-partijiet m'hemmx tama ta' rikonciljazzjoni. Ikkonfermat illi l-manteniment dovut ghat-tifla minuri jithallas b'mod regolari permezz ta' *standing order.*

**GZ** xehed a fol 16 *et seqq* u kkonferma x-xhieda ta' FE.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghal kaz in ezami senjatament:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***[...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub flartikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***[...]***

Il-Qorti rat jirrizulta illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 25 t'April 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Dorianne Arapa, debitament awtorizzat mill- Qorti, u ilhom jghixu separatament ghal circa hmistax – il sena.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi gie pruvat inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**